# TRIBUNAL  INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2322

Każ Nru 3133/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Tania Gaffiero

u

Gafa Saveway Limited

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 5  ta' Novembru 2014

**Chairman:  Franco  Masini**

**1.  Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat fit 13 ta' Marzu 2013 permezz ta' Rikors mill-Avv Joanne Vella Cuschieri f'isem Tania Gaffiero fejn din allegat li wara li sar *Transfer of Business* minn Clentec Ltd għal Gafa Saveway Limited din ta' l-aħħar infurmatha li ma kienitx se żżommha fl-impieg  minkejja it-*Transfer of Business*. Is-Soċjetà ntimata li kienet assistita mill-Avv Edward Gatt tgħid li l-vera raġuni għal-liċenzjament tagħha kienet li l-post fejn kienet taħdem ma riedux iktar il-preżenza tagħha minħabba l-komportament tagħha.

Irid jingħad li ċ-*Chairman* odjern huwa it-tielet wieħed li qed jippresjedi fuq dan il-każ peress li l-ewwel *Chairperson* kienet  irriżenja u s-suċċessur tagħha kienet astjeniet.

Inżammu ħames seduti. A tenur tal-Artikolu 78(1)   tal-Kap 452 ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap minħabba d-differimenti li ntalbu u tibdiliet taċ-*Chairmen*.

**2. Fatti tal-Każ**

Is-Soċjetà li oriġinarjament kienet impjegata magħha r-Rikorrenti kienet qed tagħti servizz fid-Dipartiment tal-*Blood Transfusion*. Din is-Soċjetà eventwalment għaddiet il-*business* tagħha lis-Soċjetà Intimata u per konsegwenza il-ħaddiema kollha ħlief tlieta ġew trasferiti magħha. Fost dawn it-tlieta kien hemm ir-Rikorrenti li s-Soċjetà Intimata rrifjutat li timpiega għaliex skond hi tal-*Blood Transfusion* ma rieduhiex tidħol hemm iktar. Ir-Rikorrenti tgħid li t-*Tranfer of Business* ma kienx il-vera raġuni għat-terminazzjoni tal-impieg tagħha u tikkontendi li t-tkeċċija tagħha kienet inġusta.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Il-fatti li ħarġu mill-provi preżentati kienu li d-Dipartiment tal-*Blood Transfusion* ma kienu kuntenti xejn bis-sitwazjoni li kien hemm qabel daħal il-kuntrattur il-ġdid iżda jirriżulta b'mod ċar li min kien jaħti ma kienitx ir-Rikorrenti iżda it-tifla tagħha. Tant hu hekk li x-xhud Paul Mercieca tal-*Blood Transfusion* qal testwalment "Mill-kwalità tax-xogħol tas-sinjura Gaffiero aħna konna kuntenti ħafna, kienet waħda mill-aħjar *cleaners* li kellna u jien stess għamiltilha rakkomandazzjoni jiġifieri" (seduta tat-8.10.14 fol 4). Ma jirriżultax mix-xhieda tiegħu kif is-Sur Mercieca insista li Gaffiero ma għandiex tkompli taħdem hemm. Li jidher li ġara huwa li bint ir-Rikorrenti li ġieli kienet gtaħdem fl-istess *shift* ma' ommha kienet ir-raġuni għad-divjet mix-xogħol tar-Rikorrenti. In-nuqqas tas-Soċjetà Intimata kien li ma ħaditx lir-Rikorrenti magħha u jekk ikun hemm l-insistenza li r-Rikorrenti ma tidħolx iktar fid-Dipartiment isibulha post ieħor. It-Tribunal mhux se jidħol fuq il-komportament tat-tifla tar-Rikorrenti għax wara kollox din mhix parti minn dana l-każ iżda t-Tribunal ma jistax jifhem kif ir-Rikorrenti bir-rakomandazzjoni tas-Sur Mercieca b'kollox kellha tispiċċa l-vittma.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi illi l-liċenzjament tar-Rikorrenti Tanya Gaffiero minn mas-Soċjetà Intimata Gafa Saveway Limited kienet għal raġuni li la hi ġusta u wisq inqas suffiċjenti.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida il-kumpens dovut lir-Rikorrenti mis-Soċjetà Intimata fl-ammont ta' €2,500.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja